MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 948/2009

**Claypso Media Communications Ltd.**
**(C – 36086)**

**vs**

**Mambra Electronics Limited**
**(C - 18626)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta l-hlas tas-somma ta' tlett elef, mitejn u tmenin ewro u tlieta u sebghin centezmi (€3,280.73), rapprezentanti servizzi rezi, inter alia, reklamar u *braodcasting* (vide kopja ta' l-*invoices* annessi ma' l-avviz tat-talba u mmarkati bhala 'Dok. A' – 'Dok. D').

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi ghall-hlas, is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas is-somma ta' tlett elef, mitejn u tmenin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€3,280.73) kif fuq spjegat, bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha.

Is-socjeta' ntimata hi ngunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' tlett elef, mitejn u tmenin ewro u tlieta u sebghin centezmi (€3,280.73), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------